# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 412/2013**

Il-Pulizija

vs

**Orazio Spiteri**

iben Victor, imwieled Hal-Safi, fit-22 ta' Gunju, 1972, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 393772(M)

Illum, 30 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Orazio Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-5 t'Ottubru, 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' laqa' ghandu hames kumpressuri li l-valur taghhom jeccedi l-2,329.37 euro liema kumpressuri gew rapportati misruqa minghand il-kumpanija 'Water Bus Ltd', liema fond huwa sitwat gewwa z-Zona Industrijali, Kordin, u dan sar ghad-detriment tad-derigenti ta' l-imsemmija kumpanija u/jew persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta’ Settembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati fin-Nota ta’ Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 ta’ Settembru, 2012 u senjatament l-artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum.

B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Regsitratur tal-Qorti s-somma ta’ hames mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€529.64) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Orazio Spiteri tad-9 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u **thassar** u **tirrevoka** s-sentenza appelleta fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u minflok, tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberah kompletament skont il-il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti fil-kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi,

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi ta' l-elementi rikjesti mil-ligi ghal reati addebitati lill-esponenti u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjesta mil-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward ta' htija tal-imputat li per konsegwenza hija 'unsafe and unsatisfactory'.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti t-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segvventi :

Illi l-livell ta' prova sabiex jintwera 'beyond reasonable doubt' li l-kumpressuri huma tal-kumpanija Waterbus Limited ma ntlahaqx.

llli jekk wiehed jaqra x-xhieda u d-dokumenti kollha fil-kawza, wiehed isib biss 'quotations', invoices (mhux fuq Waterbus Limited) u dokumenti varji mid-ditta 'Zonda' li lanqas huma dokumenti ffirmati u/jew notarized jew apostilled sabiex juri li hemm ness bejn Waterbus Limited u l-kumpressuri mertu tal-kawza.

Illi kwindi l-element essenzjali kif tistipula fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta fejn irid jigi pruvat li l-oggett gie akkwistat b'mod illegali ma hijiex sodisfatta, billi l-kumpressuri mertu tal-kaz m'humiex f'ebda mument indikati bhala akkwistati minn Waterbus Limited b'xi kuntratt/contract, purchase u/jew xi dokument ta' garanzija.

Illi fil-kawza hemm indikat in-numri tas-serial numbers tal-kumpressuri in kwistjoni a fol. 138 sa fol. 140 inkluzi, irnma ma hemmx fil-kawza la dokument /certifikat li juri li l-kumpressuri huma ta' Waterbus Limited u la hemm almenu vettura jew chassis ta' vettura li almenu taghmel referenza ghall-kumpanija Waterbus Limited kif hija ndikata fl-akkuza.

lnoltre f'dawn id-dokumenti prezentati minn Steve Smith lanqas ma hemm ness bejn ic-chassis tal-amphibians mat-tip ta' kumpressuri 'Bitzer' ndikati 4 NFCY-4 jew 4PFCY-4, kif hemm citati fir-ritratti a fol. 138 sa fol. J4J inkluzi. Fil-fatt Steve Smith jew xi rapprezentat tas-socjeta' Waterbus Limited qatt ma ndikaw x'kien is-serial number imqar ta' kumpressur wiehed li allegatament gie misruq, la lill-pulizija tul l-investigazzjoni taghhom u wisq anqas lil dina l-Onorabbli Qorti matul ix-xhieda taghhom.

Illi ghalhekk dan l-element essenzjali fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex sodisfatt.

Illi din il-Qorti ghandha tapprezza li llum il-gurnata, anki semplici washing machine jew vacuum cleaner tigi bil-garanzija u bin-numru tas-serial number tieghu, u ghalhekk kif wiehed jista' jemmen li l-allegat kwerelant Stephen Smith ighid li dawn huma tieghu u li dawn huma

tal-kumpanija tieghu meta lanqas ma ezebixxa la l-importation documents tal-vetturi, la l-ledgers kif u come gew importati (almenu c-chassis tal-vetturi tieghu) u b'liema bastiment, la l-bill of ladings, la l-log books tal-vetturi, la l-log books tal-kumpressuri stess, u lanqas ma ezebixxa n-ness ta' dawn l-allegat kumpressuri b'dawn is-serial numbers mal-vetturi tieghu.
Illi b'kull rispett l-Ewwel Qorti waslet ghal certu konkluzjonijiet u ippresumiet wisq affarijiet, meta Qorti Kriminali bhalma hi l-Qorti Tal-Magistrati Bhala Gudikatura Kriminali, b'ebda mod ma tista' taghmel dan u b'ebda mod ma tista' tiehu bhala fatta dak li jtenni u ighid xhud (anki xhud tal-prosekuzzjoni) u/jew espert, meta f'kazijiet bhal dawn *'the best evidence'* (fejn hawnhekk si tratta ta' Qorti Kriminali u mhux Qorti Civili) huma d-dokumenti stess tal-Contract Purchase' u il-log books tal-kumpressuri jew almenu il-log books tal-vetturi (li Steve Smith wieghed li kien ser jezebixxi u naqas li jezebixi) liema dokumenti kif mitluba mid-difiza, ma gewx esebiti kif wieghed u obbliga ruhu li kien ser jaghmel a fol. 29.

Illi ironikament Steve Smith ipprezenta numru ta' invoices mahruga rninn Yancheng Zongda International Trading Co.Ltd, lix-xerrej *GS.* Specialist Vehicle Limited u ghaldaqstant dan juri bic-car li dawn l-kumpressuri allegatament misruqa lanqas biss huma tas-socjeta' Waterbus Limited. Lanqas ma tirrizulta fil-provi xi spjegazzjoni ta' x'ghandha taqsam il-kumpanija *GS* Specialist Vehicle Limited mal-kumpanija Waterbus Limited.

Illi dawn il-mistoqsijiet kollha, il-Qorti ghandha ben tapprezza li huma rilevanti u huma fatti li l-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li turi l-prova ta' dan minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, sabiex tiskatta l-presunzjoni li l-imputat setgha b'mod ragjonevoli jissuspetta li dawk l-oggetti li xtara minghand persuna li ma kienx jaf kienu gejjin minn att illecitu.

Illi kif jista' jkun li d-derubat jallega li jghid li l-oggetti huma taghhom meta hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn skont dak li xehed Steve Smith fir-rapport tal-Pulizija tieghu, ighid li ntsterqu f' April, 2010 imma ghamel rapport gurnata qabel ma nhareg il-mandat ta' tfittixija u arrest, aktar minn hames xhur wara kontra Orazio Spiteri. Kif jista' jkun li d-derubat jallega li huma tieghu meta lanqas ma gew prezentati dokumenti ufficcjali tal-MFSA tal-kumpanija Waterbus Limited, jew lanqas ma tela' rappresentant tal-MFSA sabiex jaghmel il-konnessjoni bejn Waterbus Limited u Steve Smith.

Illi, kif jista' jkun li ssir il-konnessjoni ta' dawn l-allegat kumpressuri misruqin jew almenu tac-chassis' tal-amphibian buses meta lanqas ma hemm karta wahda fil-process kollu li ssemmi il-kumpanija Waterbus Limited.
Illi dan kollu juri kemm il-prosekuzzjoni ghamlet hilitha sabiex tipprova turi n-ness li huma sidien dawn il-kumpressuri imma b'kull rispett dan in-ness ma jezistix, ghax sabiex ikun hemm ness li Waterbus Limited huma sidien dawn il-kumpressuri kellha tingieb l-aqwa prova, liema prova hi li Waterbus Limited xtrat u akkwistat dawn il-kumpressuri bis-serial numbers kif indikati fil-process. Dan ma jezistix! Ghalhekk ghal din ir-raguni, wiehed zgur ma jistax jitfa l-presunzjoni fuq l-imputat li messu kien jaf li dawn kienu oggetti misruqin minhabba c-cirkostanzi kif spjegat il-Qorti fil-kawza, meta b'kull rispett il-prosekuzzjoni ma rnexxietx turi lanqas karta wahda tul il-process kollu sabiex turi ness bejn il-kumpanija Waterbus Limited u dawn il-kumpressuri. Illi b'kull rispett kumpanija ta' kumpressuri bhal 'Bitzer' tipproduci eluf minnhom, u kwindi ghalhekk Qorti fil-kamp kriminali 'cannot simply jump to conclusions' meta dik il-prova (u cioe' the best evidence) ma tezistix tul il-process kollu.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti t-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi ma tezistix il-prova li l-hames kumpressuri li kienu jinsabu fil-pussess ta' Orazio Spiteri huma bil-fors hamsa mis-sitt kumpressuri li allegatament gew misruqa minghand Waterbus Limited. Illi billi kien hemm xi pulleys u clutch partikolari kif jallegaw Trevor Woodfram u Steve Smith, ma tfissirx li dawn il-pulleys u clutch huma esklussivi ghall-kumpressuri ta' Waterbus Limited. Minghajr pregudizzju ghal dak tenut hawn fuq, lanqas ma jezisti tracca ta' prova fil-process fejn Waterbus Limited xtraw il-kumpressuri bis-serial numbers kif jidhru fir-ritratti 138 et seq. Il-prosekuzzjoni kellha d-dover legali li tissorvola u iggib il-prova li kienu dawk il-hames kumpressuri li kienu fil-mahzen gewwa Kordin li ntserqu u li nstabu ghand Orazio Spiteri.

Illi dan l-aggravju huwa differenti mit-tieni aggravju fejn dato ma non concesso, u minghajr pregudizzju ghal dak tenut fit-tieni aggravju, t-tielet aggravju hija distinta mit-tieni aggravju fis-

sens li hawnhekk il-prosekuzzjoni kellha ggib il-prova mhux biss l-oggetti kienu nxtraw u huma propjeta' ta' Waterbus Limited, imma kellha ggib il-prova (u dan huwa l-argument fit-tielet aggravju) li dawk il-hames kumpressuri li nstabu ghand Orazio Spiteri huma propju hames mis-sitt kumpressuri li xtraw u akkwistaw Waterbus Limited, u li dawn huma genwinament taghhom.

Illi f'dan il-process dan il-livell ta' prova zgur ma jezistix.

Illi meta l-espert mahtur mill-Qorti Maurizio Fenech talab lill-Kumpanija Bitzer tindikalu fejn kienu gew mibjugha l-kumpressuri bis-serial numbers indikati minnu, l-kumpanija Bitzer infurmatu permezz ta email li jinsab fol 102 u 103 tal-process, illi is-serial numbers mertu tal-kumpressuri tal-kawza ma jinsabux fl-arkivji taghhom.

Illi ghaldaqstant il-konkluzjoni ta' l-espert a fol 135 fejn Maurizio Fenech jghid li dawn il-kumpressuri gew Malta ma Xarabanks tat-tip Zonda huwa b'kull rispett fazul u certament ma jwassalx sal-grad tal-prova li huwa rikjest mill-ligi f'kawza kriminali. Certament din il-prova ma twassalx sabiex wiehed jasal ghal konkluzjoni li l-hames kumpressuri li nstabu ghand Orazio Spiteri huma l-hames kumpressuri li xtraw u akkwistaw Waterbus Limited. Illi dik il-prova ma tezisti imkien fil-process.

Illi meta wiehed jara id-dokumenti esebiti, l-invoices li gewipprezentati rigward ix-xarabanks tat-tip Zonda m'hemm ebda ness reali bejn ic-chassis ta' dawn ix-xarabanks u il-kumpressuri bis-serial numbers mertu ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk hemm dubju serju jekk verament dawn il-kumpressuri bis-serial numbers mertu tal-kawza huma l-istess kumpressuri li kienu allegatament misruqa mill-workshop ta' Waterbus Limited gewwa Kordin Malta.

Jekk dik ir-rabta bejn il-kumpressuri bis-serial numbers mertu ta' din il-kawza ma gewx pruvati li kienu mac-chassis numbers impurtati mill-Waterbus limited, mela kwindi din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-oggetti li xtara l-imputat kienu l-oggetti mertu tas-serqa mill-

workshop tal-Waterbus Limited gewwa Kordin Malta.

Illi fis-sentenza tal-14 ta' Mejju, 1921 fl-ismijiet Pulizija vs Michele Vella et deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali tqajjem il-punt fejn il-prosekuzzjoni ghandha d-dover turi r-rabta u il-prova minghajr ebda dubju dettat mir-raguni. Illi f'dan il-kaz Stephen Smith jallega ricettazzjoni, imma ma jippruvaw dan il-grad rikjest mil-ligi li dawk il-hames kumpressuri huma l-istess hames kumpressuri li nxtraw minn Waterbus Limited.

Illi m'huwiex bizzejjed li Stephen Smith u Trevor Woodfran ighidu li jaghrfu l-kumpressuri meta l-prova minghajr ebda dubju permezz ta' contract purchases, certificati ta' garanziji, bill of laden importation document u dokumenti ohra li ghandhom juru in-ness minghajr dubju (bhal serial numbers) ma jirrizultawx fil-process tal-kawza.

Dan in-ness zgur ma jezistix, u certament Orazio Spiteri ghandu jigi liberat. B'kull rispett, ma hemm ebda prova fil-proceduri li turi almenu ness bejn l-kumpressuri lj allegatament insterqu minghand Waterbus Limited, huma l-istess kumpressuri li nstabu ghand Orazio Spiteri.

Billi l-kwerelant u Trevor Woodfran ighidu li kienu differenti minhabba xi pulleys, minn qari akkurat stess tal-informazzjoni supplit mill-espert mahtur mill-Qorti Maurizio Fenech, a fol. 75 fejn 'All clutches are available with various pulleys'. Illi din id-dikjarazzjoni turi kemm dawn il-kumpressuri jistghu jkunu wtilizzati b'hafna varajazzjonijiet, u ma jintuzawx ghal xi amphibian vehicles imma jintuzaw ukoll kif jiddikjara wkoll l-espert Maurizio Fenech ghal diversi tipi ta' heavy vehicles bhala xarabanks u coaches kif ukoll ghall-units li huma fissi.

Illi kwindi ghalhekk hawnhekk billi l-vetturi ta' Steve Smith skont hu, huma amphibious ma jfissirx li l-kumpressuri huma 'one of a kind' ghax l-kumpressuri hawn minnhorn fuq diversi vetturi kif jidher ukoll fir-ritratti tal-Inginier Magro fejn juri ritratti ta' kumpressuri Bitzer fuq vetturi/xarabanks tal-King Long li jintuza minn Arriva.

Illi b'kull rispett Maurizio Fenech kien zbaljat fir-ragunament tieghu meta ddikjara a fol. 135 li dawn ghalhekk dahlu ma' xarabanks tat-tip Zonda. Illi dan kif jista' jghidu, meta fil-process ma

jezistux import documents, la ma jezistu shipping documents, la ma jezistu chassis number references, la ma jezistu serial number references ghall-kumpressuri. Dawn il-provi kellhom bil-fors jingiebu f'kawza Kriminali.

Illi dak li jiddikjara taht gurament Steve Smith fejn ighid li dawn il-kumpressuri jiswew circa Euros 13,000 b'mod komplessiv, ikomplu juru l-prova kemm dawk il-kumpressuri li nstabu ghand Orazio Spiteri, m'humiex il-kumpressuri li allegatament huma mertu ta' dak ir-rapport tal-Pulizija u m'humiex ta' Waterbus Limited. Illi hemm bahar jaqsam bejn dak li jghid li jiswew il-kumpressuri Steve Smith (Euros 13,000) u dak li jaghti bhala valur l-espert tal-Qorti Maurizio Fenech (Euros 4,700). Illi dan ikompli juri kemm hija probabbli li dawk il-kumpressuri mertu tal-kaz, mhumiex l-istess kumpressuri mertu ta' l-allegat serqa minghand Waterbus Limited, mill-fabbrika ta' Kordin, ghax kieku sid u direttur ta' kumpanija zgur kien jiftakar kemm nefaq (almenu b'mod approssirnattiv) sabiex xtara kumpressuri. Illi non si tratta hawn ta' xi glekk jew par zarbun imma zgur bniedem jiftakar bejn wiehed u iehor prezzijiet ta' oggetti li jkunu ta' certu portata.

Illi minghajr prugudizzju ghall-aggravji precedenti r-raba' aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi hemm divergenzi bejn ir-rapport tal-espert mahtur mill-Qorti u r-rapport ta' l-espert ex parte ta' Orazio Spiteri, l-Inginier Magri.

Illi anki r-ritratti biss fir-rapport ta' l-espert Magro fejn qieghed jintwera kumpressuri tal-marka Bitzer fuq xarabanks tal-King Long ghandha tkun prova skjaccanti sabiex jintwera li dawn il-kumpressuri huma nstallati fuq diversi trakkijiet u xarabankijiet inkluz xarabankijiet Cinizi, li f'Malta xarabankijiet tad-ditta Ciniza King Long hawn diversi. Illi b'kull rispett, meta wiehed iqabbel ir-rapport tal-espert Maurizio Fenech mar-rapport tal-espert Inginier Magri, l-Inginjier Magri jwiegeb id-domanda li naqas li jirrispondi l-Inginier Maurizio Fenech fir-rapport tieghu.

Illi skont il-verbal tal-Qorti, l-Inginier Fenech kellu jara wkoll ma' liema vetturi dawn it-tip ta' kumpressuri setghu jintuzaw, liema haga l-Inginier Fenech naqas li jghid fir-rapport tieghu,

izda liema punt l-Inginier Magri dahal fiha fejn f'pagna 4 tar-rapport tal-Inginier Magri, l-Inginier Magri jghid li dawn it-tip ta' kumpressuri jintuzaw fuq buses u coaches 'inter alia' ta' Kinglong, Daewoo, Hyundai, Suzuki, Nissan, Toyota, Scania, Caterpillar, Volvo u Mercedes-Benz.

Hawn diversi trakkijiet, coaches u xarabankijiet ta' dawn id-ditti fejn ghalhekk wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni daqshekk malajr sabiex jghid mela dawn il-kumpressuri kienu fuq iz-Zonda. Din hija dikjarazzjoni zbaljata u b'kull rispett imsejsa fuq ix-xejn u bla bazi. L-Inginier Fenech naqas jghid x'inhuma 'Zonda' u naqas jghid u/jew juri l-prova li dawk il-kumpressuri kienu partikolari ghal 'Zonda'.

Illi hawnhekk wiehed irid ukoll iqis ix-xhieda ta' l-imputat fejn l-imputat jghid u dan huwa fatt li kulhadd jafu, li f'dak iz-zrnien il-Gvern kien hareg skema fejn sidien ta' xarabanks pubblici kienu rikjesti sabiex ibieghu x-xarabanks taghhom lill-Gvern ta' Malta ghall-prezz favorevoli, u l-Gvern kien anki dispost li s-sidien setghu jiehdu parts u oggetti mix-xarabanks l-antiki taghhom. Illi wiehed irid iqis l-ambitu ta' meta gara il-kaz, ftit qabel ma dahlet fis-sehh il-kumpanija li hadet it-trasport pubbliku Arriva, fejn fid-dawl ta' dawk ic-cirkostanzi, kien hawn diversi sidien li kienu qed ibieghu parts varji tal-vetturi taghhom.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-13 ta' Jannar, 2018.

Illi fir-rigward tal-bqija tal-aggravji, jekk wiehed jikkonsidra 'ad funditus' l-atti processwali u c-cirkostanzi tal-kaz, wiehed jirrealizza kemm id-dikjarazzjoni ta' htija tal-Ewwel Qorti kienet mhux biss gusta, izda wkoll 'safe and satisfactory'.

L-esponent jaghmel referenza partikolari ghas-segwenti fatti, li lkoll jirrizultaw mill-atti:

- Illi l-appellant huwa bniedem tal-mestier, hekk kif qal hu stess fix-xhieda tieghu, ghal kwazi hamsa u ghoxrin sena u jghid li kien filghaxija meta dahal ghandu ragel li qatt ma rah qabel u dan staqsieh kienx interessat jixtri l-kumpressuri in dizamina. Il-fatt biss li xtara dawn il-kumpressuri minn  fuq l-idejn minghand persuna li qatt ma rah qabel u iktar u iktar lanqas biss jaf ismu u, skond hu, emmen il-verzjoni li tah dan il-persuna mhux identifikat, li ried ibigh tali kumpressuri m'hijiex verosimili;

L-element formali tar-reat tar-ricetazzjoni hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni jew tenut kont ic-cirkostanzi, kien imissu ssuspetta. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs John Briguglio' (24.6.1961) (per Harding J.) kien gie ritenut li:-

> *'Min jakkwista oggett taht ic-cirkustanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenzja illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricetazzjoni.'*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun ircieva jew xtara l-oggett filwaqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu w b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspeta hu;

- Illi l-fatt li l-appellant huwa bniedem tal-mestier u m'ghamel xejn sabiex jara ezattament dawn il-kumpressuri minn fejn gejjin u ghalfejn din il-persuna mhux maghrufa qabdet u marret ghandu minghajr ma hem konoxxenza bejn it-tnejn biex tbieghlu dawn il-kumpressuri tkompli turi n-nuqqas ta' kredibilita tal-appellant. Illi l-iskuza li qajjem l-appellant li f'dak iz-zmien il-Gvern kien qieghed jirranga mas-sidien tal-vetturi tal-linja sabiex jaghtihom somma flus ghall-buses taghhom u emmen li dawn il-kumpressuri kienu mehuda minn xarabanks li qieghed jiehu lura l-Gvern minghajr ghamel l-ebda stharrig mehtieg m'hijiex skuza biex taghtti dak li wiehed ikun ghamel. Illi l-appellant,

anke habba xoghol tieghu, kellu jkun konsapevoli ta' dak li qed jixtri u minghand min qed jixtrieh flimkien mal-fatt li kien jaf li fin-negozju l-ircevuta hija fattur importanti hafna ghax hija l-unika haga li wiehed jista' jipprezenta jew tkoprih f'cirkostanzi mhux mistennija. Apparti dan kollu wiehed irid jghid li fin-norma meta wiehed jkun ha jixtri apparat u li jqum certu ammont ta' flus, qabel ma jikkonkludi l-ftehim jaghmel il-verifiki tieghu jekk dan ma jahdimx jew ikollu xi forma ta' garanzija, iktar u iktar meta ghandha sitwazzjoni fejn l-appellant jghid li ma jafx min kienet il-persuna li qed tbighlu, u ghalhekk hawn terga' tispikka n-nuqqas ta' kredibilita' tal-appellant li kien ilu fin-negozju ghal zmien twil;

- Illi rigward il-fatt li l-appellant, persuna tal-mestier, tixtri hames kumpressuri ghall-prezz ta' mitejn Ewro l-wiehed u dan meta dawn it-tip ta' kumpressuri normalment jinbieghu fis-suq ghal prezz ta' circa ta' 4700 Ewro hekk kif stabbilit mill-inginier Maurizio Fenech a fol 62 tal-atti processwali, turi li l-appellant kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni jew tenut kont ic-cirkostanzi, kien imissu issuspetta. Dan ghaliex anke s-sens komun ta' kif jirraguna u jahsibha persuna normali li ma jahdimx f'dan il-qasam twasslu biex jinduna li hemm xi haga hazina mill-prezz li qed ihallas ghall-makkinarju li jiswa' ferm iktar u dan l-istess ragunament infatti wassal sabiex l-Ewwel Qorti issib l-appellant hati taht l-artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali;

- Illi rigwardanti l-piena imposta fuq l-appellant, din hija wahda fil-parametri rikjesti mill-ligi u tirrifletti l-gravita' tar-reat kommess. Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, din l-Onorabbli Qorti m'ghadniex tiddisturba din il-piena;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellate fl-intier taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi wahda 'unsafe and unsatisfactory'.  A bazi ta' dan l-aggravju din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha li gew prodotti f'dan il-kaz.  Din il-Qorti hi tal-fehma li l-argumenti kollha legali enuncjati mill-ewwel Qorti huma korretti izda dan il-fatt ghandu jigi korrellat mal-kwistjoni tar-refurtiva.  Dan ifisser li ghandu jkun hemm il-prova li r-refurtiva hi verament minghajr ebda dubju dettat mir-raguni proprjeta' tal-parte civile.  Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti trid tistrieh fuq il-fatt li r-refurtiva ghandha tkun tal-parte civile li ghamlet ir-rapport lill-pulizija.  Mhux bizzejjed ghall-prosekuzzjoni li torbot l-appellant ma oggetti misruqa izda la hemm il-parte civile din ghandha jipprova li r-refuritva hi taghha.

Illi f'dan il-kaz ghandna sitwazzjoni fejn il-parte civile marret il-workshop tal-appellant fejn ra kumpressur li, skont il-parte civile, giet misruqa mill-fabbrika taghha.  Sar rapport lill-pulizija fis-6 ta' Otttubru, 2010.  Jirrizulta li fil-fatt is-serqa mill-fabbrika tas-socjeta' Waterbus Limited sar f'April, 2010 u kien biss ghaliex certu Stephen Smith gie a konjizzjoni tal-ezistenza ta' dan il-kompressur fil-workshop li jinsab Hal-Luqa.  Hu qal lill-pulizija li ma ghamilx ir-rapport qabel ghaliex kien imhabbat bi 'stock take'.  Fil-fatt, il-pulizija kellmet lill-appellant fil-5 ta' Ottubru, 2010.  Din id-diskrepanza ta' gurnata hi dovuta ghall-fatt li l-pulizija gew infurmati, kif jirrizulta mill-PIRS, fl-1 ta' Ottubru, 2010 izda Smith ghamel ir-rapport fis-6 tax-xahar.

Illi mill-provi prodotti ma hemm ebda dubju li l-appellant kellu jkun hafna iktar kawt meta hu xtara dawn il-hames kumpressuri u fuq dan il-fatt biss din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti.  Madankollu, hemm elementi ohra li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni f'dan il-kaz fejn ghandek persuna li qed taghraf r-refuritva.  Fl-ewwel lok, dawn il-kompressuri kellhom tabella bis-serial number miktub.  L-espert tal-Qorti xehed li hu kiteb lill-manifattur ta' dawn il-kompressuri izda hu pprezenta r-rapport tieghu u qal li l-fabbrika ma

rrisponditx.  Fit-tieni lok, Smith kellu jipprezenta l-Qorti dokument bis-serial numbers izda dan ma ghamlux.  Fit-tielet lok, Smith ezebixxa dokumenti ta' xiri ta' busses datati marzu u novembru, 2007.  Dan xi jfisser?  Illi dawn il-kompressuri gew imnehhija mill-buses in kwistjoni.  Fir-raba' lok, dawn id-dokumenti kollha jindika lill-kompratur bhala GS Specialist Vehicle Limited.  Tqum il-kwistjoni x'inhi r-relazzjoni bejn din is-socjeta' u Smith.  Imkien mill-provi prodotti ma jirrizulta x'inhi tali relazzjoni.  Fil-hames lok, fejn kienu dawn il-kompressuri meta nsterqu.  Kienu zarmati jew kienu fuq il-buses?  Dawn huma domandi legittimi li l-prosekuzzjoni kellha tindirizza fil-produzzjoni tal-provi taghha.  Jekk ghandek parte civile f'kaz bhal dan irid ikun hemm ir-rabta fejn l-oggett in kwistjoni u is-sid.  F'dan l-appell partikolari dan in-ness hu tenwu u ghalhekk l-akkuza ma tistax tregi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell ta' Orazio Spiteri.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehilsu minn kull htija u piena.